# Il-Ħakem Ħassu Offiż*



Kitba ta' Carmel Vella

Ftit taż-żmien wara li tlestiet mill-bini l-ewwel fażi tal-knisja parrokkjali ta' San Nikola fis-Siġġiewi seħħ inċident stramb, jekk mhux tad-daħk, ġewwa l-istess knisja u li kien jinvolvi lill-Ħakem ta' l-Imdina.

Il-bini tal-knisja l-ġdida, fuq pjanti ta' l-arkitett magħruf Lorenzo Gafà, inbeda f'April tas-sena 1667 meta kien kappillan Dun Domenico Farrugia. Fl-1686 tlestiet parti sewwa mill-kostruzzjoni, inklużi wkoll erba' altari, u l-isqof Cocco Palmieri ordna li tingħalaq il-knisja l-qadima u tibda tintuża, għas-servizzi reliġjużi, il-parti li kienet tlestiet. Il-Kappillan Farrugia miet sena wara u ma kellux ix-xorti jara lesta għal kollox l-opra li hu kien beda b'tant ħidma u ħerqa. Il-korsija, bil-kor u ż-żewġ kappelluni, tlestew fl-1693 taħt il-Kappillan Mikiel Aschiac u l-knisja bdiet allura tintuża regolarment, għalkemm kien għad fadal ħafna xi jsir biex din tieħu d-dehra li għandha llum.

Intant fis-sena 1704, ħdax-il sena wara li l-knisja bdiet tiffunzjona, inzerta kien għaddej mis-Siġġiewi l-Baruni Fabrizju Testaferrata, Ħakem ta' l-Imdina, bi skorta mdaqqsa ta' uffiċjali u qaddejja. Kien wara nofsinhar tal-5 ta' Diċembru u meta l-Ħakem sar jaf li kienet lejlet il-festa ta' San Nikola, wera x-xewqa li jidħol iżur il-knisja. Kienu għadhom kemm bdew jitkantaw il-Vespri. Il-Ħakem, bl-iskorta miegħu, tfaċċa fil-bieb il-kbir u, bil-pompa kollha, mexa dritt lejn l-altar maġġur fejn kienet qed issir il-funzjoni.

Wieħed jista' jaħseb x'għagħa qamet fost dawk li kienu fil-knisja meta ntebħu bid-dehra xejn mistennija ta' dinjitarju hekk għoli. Wisq iżjed baqgħu mbellhin il-kleru, l-aktar il-Kappillan Dun Ewġenju Azzopardi. Iżda dan ma damx ma ffronta s-sitwazzjoni, għax minnufih bagħat jissellef siġġu komdu minn dar fil-qrib u, f'kemm ilna ngħidu, niżel jilqa' 'l-Ħakem u stiednu jpoġġi ħdejn it-taraġ ta' l-altar fil-kappellun tal-lemin, dak tar-Rużarju.

Meta waqaf dak il-ftit storbju fost il-ġemgħa, tkompliet il-funzjoni bil-kalma u bla ebda xkiel. Hekk kif il-Vespri ġew fi tmiemhom bdiet titkanta l-*Magnificat* u hawn il-kleru safa' ffaċċat b'saram. Kienet id-drawwa li f'dak il-waqt ikun inċensat l-altar, kif ukoll il-membri tal-kleru u n-nies fil-knisja. Il-Baruni Testaferrata dak il-ħin ippretenda li, bħala Ħakem, kellu l-privileġġ li jkun imbierek bl-inċens għalih waħdu u mhux mal-poplu; imma dak kien imur kontra l-forma tar-ritwal. Iċ-ċelebrant u l-kleru tfixklu għal xi ħin, imma, malajr ftiehmu bejniethom u qatgħuha li jinċensaw biss l-altar u jħallu barra lilhom infushom u lill-poplu. B'hekk, ħasbu huma, ladarba huma stess ma jitberkux, il-Ħakem ma kellux għalfejn jieħu għalih.

Ma kienx inċens u tberik, għax il-Ħakem ħasibha mod ieħor. Bi kburija u saħna

liema bħalha, qam minn postu u b'rabja ma jarax art mexa 'l barra, ilissen insulti u theddid li kien biħsiebu jieħu passi ta' l-offiża lejn id-dinjità tal-kariga nobbli tiegħu. Ħareġ mill-knisja u ordna li jeħduh lura l-Imdina fejn, hekk kif wasal, mar għamel protest formali, b'att notarili, kontra n-nuqqas ta' rispett u insult lejn id-dinjità tiegħu mill-kleru tas-Siġġiewi.

Ġara, iżda, li l-eku ta' dan l-inċident kurjuż wasal f'widnejn l-Isqof Cocco Palmieri u wkoll sar jaf bih il-Gran Mastru Ramon Perellos. It-tnejn li huma tkażaw bis-sħiħ bl-imġiba hekk arroganti tal-Baruni Testaferrata u ma damux ma tawh tweġiba xierqa għall-herra xejn dinjituża tiegħu. B'hekk l-orgolju u l-pretensjonijiet tal-Ħakem malajr sfaw f'duħħan u kollox spiċċa bla ma seħħ xejn mit-theddid tal-Baruni, b'sodisfazzjon kbir ta' kulħadd.

Ta' min jgħid li fl-imgħoddi l-kbarat u n-nobbli ta' l-Imdina kienu nies kburin, mimlijin bihom infushom u maqtugħin mill-kotra tal-poplu komuni. Iżda mal-wasla tal-kavallieri kienu tilfu ħafna mill-poter u mill-privileġġi li kienu jgawdu, għalkemm tħallew jamministraw xi materji lokali fl-irħula u fil-kampanja ta' madwar l-Imdina. Kien għalhekk li l-Gran Mastru Perellos, f'dan l-episodju li rrakkontajna, sab ix-xoqqa f'moxtha biex jumilja u jpoġġi f'postu lil dan il-Baruni kburi u prużuntuż li ried lil kulħadd jinklina quddiemu għax kien Ħakem ta' l-Imdina.

* Kitba addattata mill-ktieb tiegħi: *SIĠĠIEWI, A Profile of History, Social Life and Traditions*
Sors ewlieni: E.R. Leopardi, fil-*Malta's Heritage*


# Berkley Hotel

**Bar & Restaurant**

*Good Ambiente & Good Company*

**102, Howard Street, Sliema • Tel: 2131 3764**